**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 77/07**
It-Tnejn 29 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 6.45PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
77.5 Rapporti;
77.6 Performance Bonus għas-sena 2017 :
- *Segretarju Eżekuttiv*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv*
- *Assistent Skrivan Nru. 1*
- *Assistent Skrivan Nru. 2*

77.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 62/07;
77.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
77.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
77.10 Mozzjonijiet;
77.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 77.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa numru 79/2018 skedata għal-24 ta' Jannar 2018 ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum. Sadanittant kompla is-Sindku li kienu ser jiġu mressqa għall-approvazzjoni l-Minuti tad-19 ta' Diċembru 2017 Nru. 75/2017. Hawnhekk il-Viċi Sindku Keith Darmanin talab sabiex issir korrezzjoni fil-parti fejn kienet ġiet diskussa l-mera fi Triq San Tumas fejn hu xtaq jikkjarifika li l-argument tiegħu kien li l-mera kellha ssir mill-Kunsill u mhux mit-TM u li kien għalhekk li ma qabilx ma dak deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li titniżżel din il-kjarifika fil-Minuti għax-xahar ta' Jannar 2018.

**ii.** Is-Sindku hawnhekk staqsa jekk il-Minuti setgħux jiġu meqjusa bħala korretti ladarba l-Kunsill unanimament kien qabel li titniżżel din il-kjarifika fil-Minuti ta' din il-laqgħa attwali jiġifieri Jannar 2018. Il-Kunsill unanimament qabel u approva l-Minuti. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien baqa' jfittxu u jċempillu u jinsisti li jiltaqa' miegħu.

Inażżettezzi Kontijiet

**i.i** Sadanittant is-Sindku spjega li hu flimkien mas-Seg Eżek. reġgħu daru l-kontijiet pendenti hekk kif kienu vverifikati mill-Perit Mintoff li huma dovuti lill-Vella Group u sabu xi inażettezzi. Għaldaqstant kien ser jintalab appuntament mal-istess Perit sabiex jerġa jiċċekkja sewwa dawn il-kontijiet.

Vella Group – Triq DunKarm Sant

**i.ii** Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, kien għadu ma rċeviex mingħand it-TM sabiex jiġu jivverifikaw ix-xogolijiet li kienu saru.

Turf tal-ground 5 aside

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar.

**ii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna kien infurmah li l-każ kien intrebaħ imma l-Kunsill issa ried ifittex lill-ITALGREEN l-Italja. Żied jispjega s-Sindku li kien ser jerġa jikkuntattja lill-Avukat sabiex hu jikkordina mas-Sur Desmond Mizzi ta' *@240LTD*.

Tender toroq

**iii.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li konna rċevejna kont mill-Kuntrattur DIMBROS għat-tieni fażi tax-xogħol li sa' dak il-mument kien lest jiġifieri parti fi Triq Santa Marija flimkien mat-toroq Betta u Simmons. Kompla jispjega s-Sindku li wara li l-Perit Mintoff ivverifika dan ix-xogħol li kien lest sa' dak il-mument, il-Kunsill kien ħallas parti minn dan il-kont jiġifieri kien qed iħallas madwar €50,000. Id-

dettalji kienu rreġistrati fl-Iskeda ta' pagamenti li kienet ser tiġi mgħoddija fl-istess laqgħa.

**iii.i** Is-Sindku żied jgħid li l-Perit kien qed jgħaddilna stimi li fil-verita meta konna qed niġu għal dawk attwali kien qed ikun hemm varjanzi kbar. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa fejn kienu qed ikunu l-ikbar varjazzjonijiet. Is-Sindku spjega li l-ikbar diskrepanza kienet li bħala Kunsill konna qed nitkellmu fuq ħxuna tat-tarmak ta' 100mm filwaqt li l-Perit kien qed jikkwotalna fuq 80mm.

**iii.ii** Sadanittant is-Sindku żied jgħid li hekk kif il-Ħadd 21 ta' Jannar 2018 filgħodu il-Prim Ministru ġie Ħal Tarxien, dakinhar stess kien hemm resident li bgħat email lill-Onor. Prim Ministru fejn dan kien issuġġerilu sabiex titwaqqa parti minn Villa magħrufa bħala Ta' Stubbs sabiex it-traffiku jdur iktar komdu. Kitiblu wkoll li peress li s-Sindku kien jidher li skont hu ma kellux ċans joqgħod jissorvelja x-xogħol, allura s-Sindku kellu jqabbad xi penzjonant biex jagħmel dan filwaqt li kellu jħallsu minn butu lil dan il-pensjonant magħżul. Email lill-Onor. Prim Ministru

**iii.ii.i** Is-Sindku qal li kopja ta' din l-email kienet ġiet mgħoddija lilu wkoll. L-unika kummenti li kellu xi jgħid il-Kunsill dwar din l-email kienu li l-Villa msemmija kienet skedata filwaqt li dwar is-sorveljanza kulħadd kien jaf li s-Sindku kien qed jissorvelja x-xogħol u jkun preżenti waqt ix-xogħol għall-ħinijiet twal. Saħansitra jixhdu dawn anke ritratti li ġew mtellgħa fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill FACEBOOK.

**iii.iii** Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li riċentement kellna saħansitra PQ dwar dawn l-istess xogħlijiet mingħand l-Onor Carm Mifsud Bonniċi fejn l-Asst. Direttur tad-DLG is-Sur Cleavon Vella beda jistaqsi lill-Kunsill mistoqsijiet li mhux mitluba mill-istess Onor. Mifsud Bonnici hekk kif dedotta l-PQ. Dwar dan il-każ is-Sindku qal li kien irraporta lid-Direttur tad-DLG fejn dan tal-aħħar qallu sabiex it-tweġibiet jibda jgħaddihom direttament lilu. PQ – Onor. Carm Mifsud Bonnici

**iv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kien iltaqa' mal-Ministru u reġa fakkru fuqha. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**v.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, peress li issa jidher li d-Dipt. Gvern Lokali kien għadda l-flus għand ir-Reġjun Xlokk, għaldaqstant il-Kunsill tagħna kien ukoll setgħa jibbenifika f'din l-iskema u għaldaqstant f'isem il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien kien diġa ressaq il-BOQ għax-xogħol li kien għadu kif intemm fit-toroq Annetto Caruana u Triq Sta Marija (parti). Żied jispjega li l-Kunsilli fil-Reġjun Xlokk kien kellhom sal-aħħar ta' Jannar biex jippreżentaw il-BoQ's tagħhom sabiex huma wkoll jibbenifikaw mill-fondi mgħoddija mid-DLG f'din l-iskema. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vi.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku qal li kien kitbilhom u kien kemmxejn aħrax mal-kumpanija. Dawn min-naħa tagħhom kienu weġbuh li jekk kienu ser jiġbru minn Triq Tal-Barrani kien ikun perikoluż. Is-Sindku żied jgħid li għaldaqstant kien issuġġerixxa li jibda jiġabar minn Pjazza Agatha Barbara. Laqgħa GREEN MT – Bins

**vii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg.

reminder dwar dan. Eżek.

**vii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. Bus Shelter Triq Palma

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm kien ressaq il-kummenti tiegħu lit-TM kien għadu kollox pendenti fuq il-każ dwar id-double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**x.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, jidher li kien hemm ċaqlieqa favorevoli. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xi.i** Is-Sindku Farrugia qal li kienet ser issir il-Purchase Order dwar ix-xogħol meħtieġ ta' manutenzjoni kemmxejn urġenti fuq il-gazebo ta' Triq Sta Tereza. Gazebo Triq Santa Tereża

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna mingħajr tweġiba mingħand l-Kumm. Elettorali fir-rigward tal-binja li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtament i ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xii.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-residenti ta din il-blokka qegħdin imniżżlin fir-Reġistru Elettorali ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk dawn in-nies kienux qed jinqdew mis-servizzi? Is-Sindku kkonferma li s-servizzi kollha kienu qed jingħataw.

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms, għalkemm konna rċevejna d-disclaimer konna għadna ma ġejniex avviċinati sabiex isir l-użu tal-ground 5 aside kif maqbul. Talba użu tal-ground

**xiv.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li peress li fir-rigward tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* – il-Kunsill kien għad fadallu jieħu fondi ta' madwar €22,000, wara li kien kiteb lis-Segr Parl l-Onor. Aaron Farrugia responsabbli għall-fondi Ewropej sabiex jara fuq il-kumplament ta' dan il-ħlas tal-Agreement kien għadu għaddej il-proċess. Proġett ERDF213

*Il-Kunsillier Frans Agius wasal fis-6.15PM*

**xv.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-tarag ta' fejn il-latrina. Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill, id-DLG u s-Segr. Parl l-Onor. Silvio Parnis fejn ġejna mwiegħda li ningħataw €250,000 sabiex isir ix-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, wara li l-avviż tal-ħruġ tad-dokument kien deher fil-GAZZETTA TAL-GVERN nhar il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru 2017, minħabba xi inażżettezzi għat- Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

tieni darba kellna nestendu d-data tal-għeluq ta' din it-tender.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet, qal li għalkemm kien sar rapport lill-pulizija dawn baqgħu ma' għamlu xejn. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xix.** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex jirraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal. Il-Kunsillier Dalli qal li kienet kellmitu persuna mill-Ministeru tal-Finanzi fejn infurmatu li bażikament ma kienux aċċettaw l-ewwel applikazzjoni. Qal ukoll li għaldaqstant kien kellu jġib kwotazzjoni għal tip ieħor. Bicycle Racks

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xx.i** Hawnhekk il-Kunsillier Frans Agius qal li t-tabella ta' Triq is-Sorijiet k/m Triq Sta Tereza fuq il-ħanut Patakkus kienet inbidlet.

**xxi.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-tabella li kienet reġgħet twaħħlet sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles, dak il-każ kien ukoll spiċċa f'idejn il-Prim Ministru. Sadanittant mill-uffiċċju tal-Prim Ministru kien qabbad lil xi ħadd jinvestiga. Tabella sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles

**xxii.** Fir-rigward tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, s-Sindku qal li bħalissa bħala AKL kienu qed jiddiskutu dan u kien hemm suġġeriment li jibda jinġabar mid-9am 'l quddiem. Il-Kunsillier Frans Agius issuġerixxa li anke forsi nibdlu r-rotta. Ġie ssuġġerit li tiżdied klawsola li jekk jkun hemm xi ħaġa fil-liġi trid tidhol in kunsiderazzjoni fit-tender. Skart Domestiku

**xxii.i.** Qal ukoll li bħala AKL iddiskutew ukoll is-servizz ta' bring in sites. Qal li ltaqgħu maż-żewġ operaturi biex jaraw liema tip ta' bring in sites l-aħjar li jsiru. Bring In Sites

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet t-talba lit-TM sabiex isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7, fi triq Lanzon saret ukoll nota li l-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew xi parkings. Dwar dan konna għadna ma rċevejniex risposta. Double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7,triq Lanzon

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża kienet ġiet differita għat-13 ta' Frar 2018. Kawża l-Qorti

**xxv.** Fir-rigward tat-talba għal one way system fi Triq Dun Ġwann Mamo ma' triq San Franġisk – is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet it-talba lit-TM bil-verżjoni t-tajba.. Talbiet TM

**xxvi.** Fir-rigward tat-talba għad-double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons, is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna ninfurmaw lit-TM li kien rizolt li l-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, pero dwar dan żied is-Sindku konna għadna ma rċevejniex risposta mingħand l-istess TM. double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira fi 6:45pm*

**xxvii.** Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand it-TM sabiex it-talba għall-RESERVED quddiem ir-residenza 230 Vjal Simmons jingħata għal 6 xhur. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan. RESERVED quddiem ir-residenza 230 Vjal Simmons

**xxviii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand resident fi Triq San Franġisk sabiex issir road hump fi triq San Frangisk. Il-Kunsill ma qabilx li din ir-road hump issir. road hump fi triq San Frangisk

**xxix.** Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li resident fi Triq it-Tarzna li huwa sid ta' ħanut tal-istatwi kien qed jitlob li mal-faċċata l-oħra tal-ħanut tiegħu issir UN/LOADING bay. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament ma qabilx ma din it-talba minħabba li kienu daħlu diversi lmenti mir-residenti ta' din it- triq minħabba l-fatt li kienet ser tikber il-problema tal-parking. UN/LOADING bay Triq it-Tarzna

**77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Il-Kunsilliera Doris Vella talbet jekk jistax isir rapport min-naħa tal-Kunsill, fuq każ li ġie mgħoddi għandha dwar ipparkjar fuq rampa ta' garaxx mar-residenza SPRINGFIELD fi Triq Dun Gwann Mamo fejn bil-mod kif tkun ipparkjata l-vettura qed tkun imblokkata l-bankina. Is-Sindku wieġeb li kien ser jirraporta lill-Awtoritajiet kkonċernati. Ipparkjar fuq rampa

**77.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**77.6 Performance Bonus għas-sena 2017 :** Performance Bonus

- ***Segretarju Eżekuttiv***
- ***Uffiċċjal Eżekuttiv***
- ***Assistent Skrivan Nru. 1***
- ***Assistent Skrivan Nru. 2***

**i.** Il-Kunsill talab lis-Seg. Eżek. sabiex tressaq is-suġġeriment tagħha dwar il-persentaġġi ta' kull impjegat. Is-Seg. Eżek. qalet li d-dettalji tal-impjegati kienu diġa mgħoddija lill-kunsillieri fl-istess email mal-Agenda għaldaqstant ma' kenitx ser issemmi ismijiet tal-impjegati imma kienet ser tirreferi għalihom hekk kif indikat fl-email imsemmija. Is-Seg. Eżek. qalet li hija kienet qed tissuġġerixxi li kull impjegat jingħata l-massimu.

**i.i** Hawnhekk is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi kummenti x'jgħaddu dwar dak propost mis-Seg. Eżek. Il-Kunsillieri Ismael Dalli u Doris Vella kkummentaw li f'din l-aħħar sena kienu raw tibdil favorevoli fl-impjegati u għaldaqstant kienu qed jaqblu li jingħataw kollha l-massimu tar-rata possibli jiġifieri dik ta' 6%.

**i.i.i** Il-Kunsill unanimament qabel li l-Uffiċċjal Eżekuttiv, l-Assistent Skrivan Nru. 1 kif ukoll l-Assistent Skrivan Nru. 2 kollha jingħataw kull wieħed 6% performance bonus għas-sena 2017.

**i.ii.** Fir-rigward tal-performance bonus lis-Seg. Eżek. is-Sindku ppropona li din tingħata il-massimu jiġifieri 10%, il-Viċi Sindku s-Sur Keith Darmanin issekonda.

**i.iii.** Is-Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Kunsill kemm għall-fiduċja tagħhom fiha kif ukoll rringrazzjat lill-Kunsill f'isem it-tlett impjegati tal-Kunsill.

**77.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 61/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**77.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**77.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**77.10 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**77.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:15PM.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMATA)*** | ***(IFFIRMATA)*** |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |